**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED U GĦOXRIN**

**30 ta' NOVEMBRU, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, , s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

Il-Kunsillier is-Sur Kenneth Farrugia nforma li ma setgħax jattendi minħabba x-xogħol. Ittra mehmuża **Dok 1.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Assenti**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **21.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 21.1.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq punt numru 20.1.2 minħabba li x-xogħol fi Vjal ix-Xarolla għamel xi jiem wieqaf. Is-Sindku qal li din il-ġimgħa ix-xogħol tkompla.<br>Il-Kunsilliera Dino Bonnici u Pierre Farrugiama qablux li l-laqgħat bejn it-Trasport Malta u r-residenti ta' Vjal ix-Xarolla saru bis-sistema ta' one to one u ma saritx laqgħa waħda għall-pubbliku inġenerali.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għall-ewwel hu ma qabilx mal-pjan tat-TM imma meta oġġezzjona, ġie mgħarraf li kull meta saret laqgħa għall-pubbliku kollu |

| | | |
|---|---|---|
| | | dejjem kellhom l-inkwiet bejn il-ġirien u bis-sistema li użaw fuq Vjal ix-Xarolla, kulħadd kellu l-ħin tiegħu biex joġġezzjona u jiddiskuti fil-privatezza. |
| | | |
| 21.1.2 | | Fir-rigward ta' punt 20.9.1 il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Maratona kienet suċċess u l-atteġjament lejn il-Kunsill kien ħafna aħjar minn dak ta' snin preċedenti. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 21.1.3 | | Fir-rigward ta' punt 20.11.3 il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li minn informazzjoni li ġabar jidher li Wied Babu hu tal-privat u li l-familja Baldacchino kienet xtrat mingħand qassis. |
| | | |
| 21.1.4 | | Ġew approvati l-minuti tal-għoxrin –il seduta. |
| | | |
| ***21.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 21.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 29. |
| | | |
| 21.2.2 | | Ġew approvati l-minuti numru 19 tal-Kunsill Lokali żgħażagħ imma s-Sur Kaydem Schembri bagħat komunikat biex l-Kunsill japprova attivita' tat-tfal li beħsiebhom itellgħu għal żmien il-Milied.<br>Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li l-Kunsill jeħtieġ aktar informazzjoni qabel ma japprova din l-attivita, fosthom ta' kemm ser tkun tiswa l-attivita' u kemm ser iħallsu dawk li ser jattendu.<br>Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tiġbor aktar informazzjoni u tgħaddiha lill-Kunsilliera permezz ta' email u wara tkun approvata fis-seduta li jmiss. |
| | | |
| ***21.3*** | | ***APPROVAZZJONI tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar*** |
| | | |
| 21.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 38.<br>Kien hemm qbil li terġa tintbagħat email lis-Segretarju eżekuttiv tar-Reġjun biex tispjega lill-Kunsill il-kontenut tal-minuti ta' qabel. |
| | | |
| | | |
| ***21.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 21.4.1 | | Is-Sindku qal li rċieva petizzjoni minn residenti fi Triq Hal Far li għadhom sal-lum jinqdew bil-fossa minflok bis-sistema ta' drenaġġ. Kien hemm qbil li din il-petizzjoni issir referenza għaliha lill-Prim Ministru fl- |

| | | |
|---|---|---|
| | | ittra li l-Kunsill ser jikteb. |
| | | |
| 21.4.2 | | Is-Sindku qal li fit-18 ta' Novembru, ingħatat l-injection kontra l-influenza lil madwar 600 persuna. Għal din l-okkażjoni l-Kunsill kellu l-għajnuna tal-Viċi Sindku Rita Grima, s-Sur Erwin Darmanin u s-Sinjura Rose Scalpello, Gina Farrugia, Mary Sammut u Kostantino Attard. Kien hemm qbil li bħas-sena l-oħra lin-nurses li ħadmu bla ħlas jingħataw tifkira tal-okkażjoni u lis-Sur Erwin Darmanin li għamel jumejn oħra jdur fid-djar, jagħti t-tilqima lill-anzjani li ma jistgħux joħorġu, jkun kompensat bil-flus tal-fuel. |
| | | |
| 21.4.3 | | Wasal iż-żmien biex jerġa jiġġedded il-kuntratt tas-security li jitrasportaw il-flus mill-Kunsill Lokali għall-banek. Ir-rati tal-G4S baqgħu l-istess. Kien hemm qbil li dan il-kuntratt jerġa jiġġedded. |
| | | |
| 21.4.4 | | Għaqda All Ages Netball Club qed titlob permess biex jorganizzaw car wash day fil-25 ta' Marzu, 2017, f'waħda mit-toroq taz-Zurrieq. Il-flus minn din l-attivita' jmorru bħala fundraising għall-klabb.<br><br>Il-Kunsill irid jistaqsi – l-ilma tal attivita' minn fejn ser iġibuh, jekk ir-residenti tat-toroq fejn iridu li ssir l-car wash day humix avżati u jekk japprovawx l-attivita u jekk din l-organizzazzjoni hix miż-Żurrieq. Kif il-Kunsill ikollu din l-informazzjoni, jerġa jiddiskuti l-każ. |
| | | |
| 21.4.5 | | Inqraw il-minuti tal-laqgħa li saret mal-Kunsilli Lokali ta' wara l-mina, fejn kien hemm preżenti l-Viċi Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Tiffany Ann Farrugia u Joseph D'Amato. Intbagħtu tliet ittri lill-Onorevoli Justin Caruana, Chris Fern u Silvio Parnis. Kienu l-Onorevli Caruana u Fern li rrispondew u saret laqgħa ma rappreżentant mill-Ministeru għas-saħħa fejn ġiet diskussa l-klinika tas-saħħa ta' Hal Kirkop, il-ħinijiet tal-operat u s-servizzi li toffri fiha. Għal din il-laqgħa attendiet il-Viċi Sindku Rita Grima fejn infurmat li għall-ewwel l-klinika ser tkun miftuħa bejn it-8:00 u 13:00, imma jekk ikun hemm konkorrenza din tibqa miftuħa sal-17:00 u wara anke sat- 20:00. Fil-klinika tal-Gvern ser ikun hemm tabib u nurse f'kull ħin u sas-sena 2020 ser isiru ukoll operazzjonijiet minuri. Il-Klinika ta' Ħal Kirkop ser jinqdew minnha r-residenti ta' wara l-mina u dawk ta' Ħal Luqa.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici ġibed l-attenzjoni biex il-Kunsill ikompli jinsisti għal night shelter għall-anzjani. Kien hemm qbil li fl-appuntament mal-Onorevoli Caruana ser jiġi diskuss dar għall-anzjani għal matul il-jum u l-lejl. |

| | | |
|---|---|---|
| 21.4.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li bħalissa għaddej ix-xogħol fit-toroq ta' ħdejn il-Ġnien tal-Ġibjun u resident li joqgħod fit-Telgħa tal-Mitħna tal-Qaret ma jridx li quddiem ir-residenza tiegħu jsir tarmak għax qed jallega li hu ħallas għal-biċċa kbira tat-triq. F'dan il-ħin waqt is-seduta, kien hemm preżenti r-residenti u l-Kunsill tahom l-opportunita li jitkellmu.<br><br>Ir-residenti (familja waħda) qalu li qabel ma bnew id-dar tagħhom, it-triq kienet wiesgħa b'kemm jgħaddi karettun. Huma qalu li għalkemm bnew id-dar tagħhom fejn hi bħalissa, mal-*building line* li kienet tathom dak iż-żmien il-MEPA dejjem saħqu li l-art tagħhom kienet tikkonsisti f'parti kbira oħra li prattikament tlaħħaq daqs plot ieħor. Huma talbu lill-Kunsill biex jimxi mal-linja ta' razzett li hemm 'l fuq mir-residenza tagħhom u mhux mal-parapett tagħhom. Huma qalu ukoll li ser jgħamlu PC application mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex tirrevdi l-building alignment.<br>Il-Kunsillier Jean Pierre Attard, qal li r-residenti għandhom dritt jaraw l-interessi tagħhom mal-awtoritajiet, imma l-Kunsill għandu jimxi ma' dak li qalet l-Awtorita' tal-Ippjanar meta llum telgħet fuq il-post u intbgħatet email biex il-Kunsill jimxi mal-linja li tat hi. Ġaladarba l-*alignment* jinbidel il-Kunsill ikun jista jirrevedi.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill imexxi bil-proċess tal-bini ta' wiċċ ġdid skont il-linji tal-PA. |
| | | |
| 21.4.7 | | Persuna li fetħet ħanut fi Triq Filippu Farrugia fiż-Żurrieq, qed titlob lill-Kunsill permess biex iwaħħal tabelli ta' direzzjoni għall-ħanut tiegħu. Intweriet tabella li lest li jwaħħal 6 bħalha.<br>Is-Sindku f'dan il-punt qal li din il-persuna diġa waħlet tabella fi Vjal l-Indipendenza.<br>Kien hemm qbil li din il-persuna ma tingħatax permess u li tneħħi dik li diġa weħlet. Kien hemm qbil ukoll lid an l-item għandu jittella f'seduta oħra, flimkien mal-bye law li l-Kunsill għandu. |
| | | |
| 21.4.8 | | Żewġ persuni differenti minn Triq Santu Formosa jridu żewġ affarijiet differenti fit-triq. Persuna trid li jsiru double yellow lines faċċata tal-garaxxijiet għax ma jkunux jistgħu joħorġu mill-garaxx jekk ikun hemm vetturi ipparkjati faċċata, u l-persuna l-oħra trid li jsiru parking bays fit-triq biex il-vetturi jżommu l-ordni tal-ipparkjar.<br>Kien hemm qbil li f'din it-triq ma jsirux linji iżjed. |
| | | |
| 21.4.9 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq ilment li |

| | | |
|---|---|---|
| | | qed jidħol, fuq bus shelter li jinsab fi Vjal il-Blue Grotto, li fil-maltemp, in-nies li jkunu fil-bus shelter qed jixxarbu meta jgħaddu l-vetturi u jtajru l-ilma fuqhom. Kien hemm qbil li jinġiebu stimi ta' ilqugħ li jservu ukoll bħla reklamar. |
| | | |
| 22.4.10 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato u David Abdilla issuġġereġ li l-iskip privata li għandu l-ħanut 3M titressaq 'l isfel biex ma ittellifx l-entratura ta' garaxx. Is-Sindku qal li ser ikellem lil sid il-ħanut hu stess. Il-Kunsill ħalla f'idejn is-Sindku fuq dan il-każ. |
| | | |
| 22.4.11 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva risposta mingħand is-Supretendent tal-Pulizija li ma aċċettax li d-Defibrillator Machine titwaħħal fl-għassa tal-pulizija. Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li jeħtieġ li l-Kunsill jitlob spjegazzjoni lill-Kummissarju u lill-Ministru għall-Ġustizzja fuq dan il-każ, minħabba li l-Kunsill qed jipproponi li din il-magna tkun installata fl-għassa biex issalva persuna u li tista tintuża 24/7. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***21.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 21.5.1 | | Tressqet ittra li l-Kunsilliera Jean Pierre Attard, Tiffany Ann Farrugia u Joseph D'Amato, għamlu f'isem il-Kunsill, biex tintbagħat lill-Prim Ministru, fir-rigward ta' Triq Ħal Far u Vjal l-Indipendenza. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jinbidel ftit il-kliem ta' paragrafu minnha u tintbagħat. |
| | | |
| ***21.6*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 21.6.1 | | Is-Sindku qal li :<br>• l-Kunsill intalab li ssir manutenzjoni tal-ħofor tal-festa li jużaw iż-żewġ każini fi Triq Dun Guzepp Zammit. Ma kinex hemm qbil fuq dan.<br>• Issir manutenzjoni lill-monument tal-Profs Saydon –kien hemm qbil li tintalab stima.<br>• Hemm bżonn li jinbidlu l-picnic tables li hemm kif tibda it-triq tal-wied. Kien hemm qbil li jinġibu stimi |
| | | |
| 21.6.2 | | Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax xogħol ta':<br>• Mera fi Triq Sant Andrija |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Patching fi Triq tal-Hniena<br>• Patching fi Triq Napuljun<br>• Qtugh ta' ħaxix fejn il-grawnd tal-football taż-Żurrieq FC<br>• Tinbidel mera fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Wied Babu<br>• Jinbidlu żewġ siġriet fejn il-monument tal-ex.Minsitru Caruana fi Triq Dun Gużepp Zammit |
| | | |
| 21.6.3 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li l-Kunsill jieħu ħsieb l-akwata tal-proġett ta' Ħal Millieri. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 21.6.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-każ tat-tabella 'Merħba Żurrieq' li tinsab viċin il-Mitħna tax-Xarolla.<br>Hi qalet li wara li l-Kunsill, waqt l-aħħar seduta ddeċieda li jressaq it-tabella 'Merħba Zurrieq', irċeviet ittra bl-idejn mis-Sindku ta' Ħal Safi, s-Sur Mula. Infurmat lill-Kunsilliera kollha permezz ta' email u fuq direzzjoni tagħhom intbgħatet email lill-Avukat, fejn dan bagħat ittra lill-Kunsill Lokali Ħal Safi. Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq informa lid-Direttur tal-Gvern Lokali b'dan kollu u dan min-naħa tiegħu ressaq il-każ għall-attenzjoni tal-Uffiċċju Elettorali.<br>Il-Kunsill approva dan kollu. |
| | | |
| 21.6.5 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima ssuġġeriet li jitneħħa ċint li hemm fejn il-bus shelter ta' Vjal il-Blue Grotto. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 21.6.6 | | Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li l-Kunsill jistieden lill-delegazzjoni tal-Kunsill ta' Pedara fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat l-awguri tal-Milied u jistedinhom għal Jannar. |
| | | |
| 21.6.7 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato suġġerixxa li l-orkestra tagħmel kunċert fil-kappella ta' San Gakbu fit-28 ta' Diċembru. Din l-okkażjoni ser tieħu madwar 30/40 minuta u l-attivita ser tiġi tiswa mhux aktar minn elf euro. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>F'dan il-ħin is-Sindku ħareġ mis-seduta (ħin 20:15)<br>F'dan il-punt kompliet tippresjedi s-seduta l-Viċi Sindku Rita Grima. |
| | | |
| 21.6.8 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-orkestra taż-Żurrieq tant saret important għaż-Żurrieq, li issa għandu jkun il-Kunsill li jieħu ħsiebha u mhux sotto kumitat. Kien hemm qbil li s-sotto kumitat Kultura jibqa jieħu ħsieb din l-orkestra u li din qed tkun denja li tirrappreżenta liż- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Żurrieq. |
| | | |
| 21.6.9 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard staqsa x'ser isir fuq sular ġdid fuq l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Kien hemm qbil lid an l-item jitla f'aġenda oħra. |
| | | |
| 21.6.10 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ż-Żurrieq FC qed tiftaħ il-pitch tal-5-a-side ta' Pietru Pawl Saydon(f'Tal Bebbux) bejn it-15:30 u l-16:30 kuljum għall-pubbliku mingħajr ħlas. Dan qed isir b'ġest miż-Żurrieq FC wara t-telqa li dam fiha dan l-istess pitch.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato faħħar ħafna din l-inizjattiva u x-xogħol li qed jagħmel iż-Żurrieq FC. Kien hemm qbil li jsir avviż fuq facebook tal-Kunsill biex jiġi nfurmat il-pubbliku;. |
| | | |
| ***21.7*** | | ***INGAĠĠ TA' IMPJEGAT/A FIL-KUNSILL LOKALI FUQ SKALA 15*** |
| | | |
| 21.7.1 | | Il-Kunsill għamel l-interview fl-1ta' Novembru, 2016, lil skrivana li preżentament taħdem bħala skrivana fi skala 15 ġo Kunsill ieħor. Kienu preżenti għall-interview il-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Joseph D'Amato, Kenneth Farrugia, David Abdilla u s-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil minn dawk preżenti, li din il-persuna tkun aċċettata biex timla l-post vakant ta' skrivana mal-Kunsill.<br>Meta din il-persuna tkellmet mal-Kunsill fejn qed taħdem ma tawieh permess li titlaq qabel it-tliet xhur notice, għalhekk, din tkun tista tibda mit-3 ta' Frar, 2017.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kunsill li jista jkun hemm xi siegħat fejn il-Kunsill ser ikun magħluq minħabba nuqqas ta' staff. Hi qalet li s'issa għalkemm il-Kunsill jinsab b'nuqqas ta' staff, dejjem irranġaw li l-Kunsill jibqa miftuh. |
| | | |
| | | |
| ***21.8*** | | ***Kuntratt GS67/08/15b – Hortocultural works at Public Gardens and Upkeep and maintenance of soft areas*** |
| | | |
| 21.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li minn wara s-seduta preċedenti, l-ħaddiema ta' Callus Landscaping qed jiġu jiffirmaw fil-Kunsill, ix-xogħol li jkunu għamlu.<br>F'dan il-punt tressqu dawn l-ilmenti:<br>• Ġnien il-bennej għadu qatt ma sarlu manutenzjoni f'kemm ilhom jiffirmaw li qed jagħmlu x-xogħol tali ħaddiema |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Għalkemm il-kuntrattur kien ħa ġurament(waqt il-laqgħa tal-bord tal-oġġezzjonijiet fid-Dipartiment tal-Kuntratti) li fil-kuntratt li ser jagħti lill-Kunsill, ser iżomm żewġ persuni kuljum fiż-Żurrieq, jidher ċar li mhux qed isir – anke mill-istess firem tal-attendenza.<br>• Is-servizz ta' din il-kumpanija għadu lura ħafna minn dak li jrid il-Kunsill<br><br>Kien hemm qbil li ġimgħa oħra l-Kunsillier inkarigat, flimkien mal-contract's manager u l-kuntrattur jiltaqgħu u l-kuntrattur jingħatalu l-aħħar avviż, qabel jibdew jinħarġulu d-default notices. |
| | | |
| ***21.9*** | | ***Wifi fil-ġonna pubbliċi*** |
| | | |
| 21.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-prezz ta' wifi jiġi jiswa lill-Kunsill 285Euro fis-sena bi speed ta' 10m jew 370Euro fis-sena bi speed ta' 25M. |
| | | |
| 21.9.2 | | Wara diskussjoni kien hemm qbil li jinbeda s-servizz fil-Ġnien it-tfal taż-Żurrieq(f'tal-Bebbux) bi speed 10m. |
| | | |
| ***21.10*** | | ***Laqgħa annwali tal-Lokalita'*** |
| | | |
| 21.10.1 | | Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali tal-lokalita' issir qabel is-seduta li jmiss 21 ta' Diċembru, 2016 fil-17:30. |
| | | |
| ***21.11*** | | ***Estimi Annwali 2017*** |
| | | |
| 21.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft ta' estimi annwali 2017. Kien hemm qbil fuq l-estimi annwali preżentati. |
| | | |
| ***21.12*** | | ***Rapport Annwali Amministrattiv*** |
| | | |
| 21.12.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft tar-rapport annwali amministrattiv.<br>Dan ġie diskuss u approvat approvat biex jitressaq lid-Dipartiment. |
| | | |
| | | |
| ***21.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 21.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€59,416.25**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet |

| | | |
|---|---|---|
| | | iffirmata mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Jean Pierre Attard u Pierre Farrugia |
| | | |
| ***21.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 21.14.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-21:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21ta' Diċembru, 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsillier Tiffanny Ann Farrugia nfurmat li fid-data proposta mhux ser tkun tista tattendi ghax ser tkun imsiefra. |
| | | |
| | | |

Konfermati, illum 21 ta' Diċembru, 2016.

IFFIRMATA

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMATA

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**